



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2200(DEC)

1.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 (C7-0263/2012 – 2012/2200(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Frontex jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-Frontex għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jinnota li l-baġit finali tal-Frontex ammonta għal EUR 118 187 000 għas-sena finanzjarja 2011, li minnhom l-Unjoni kkontribwiet total ta' EUR 111 000 000; josserva li f' termini ta' approprjazzjonijiet imħallsa, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-Frontex hija ta' 96 % taħt l-Intestatura 1 (Infiq għall-persunal), 74 % taħt l-Intestatura 2 (Infiq amministrattiv) u 58 % taħt l-Intestatura 3 (Infiq operazzjonali);
3. Jinnota l-ammont għoli ta' riporti, li l-Qorti tal-Awdituri tikkwalifika fir-rapport tagħha bħala "eċċessivi"; jinnota t-tweġiba tal-Frontex fejn indikat il-wasla ta' parti kbira ta' fondi addizzjonali, li jammontaw għal EUR 31,8 Miljun, biss tard f'Ottubru 2011; jirrikonoxxi li l-fatt li fondi addizzjonali ta' volum daqstant kbir saru disponibbli relattivament tard fis-sena joħloq fil-fatt sfida għall-ġestjoni baġitarja; jifhem li l-Frontex hija aġenzija operattiva u l-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-baġit tagħha jiddependi ħafna fuq fatturi esterni, pereżempju r-reazzjonijiet meħtieġa dwar żviluppi eċċezzjonali;
4. Jistieden lill-Frontex tkompli ssaħħaħ il-monitoraġġ ta' operazzjonijiet konġunti; jinnota l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri li "għalkemm twettaq kontrolli raġonevoli, [hija] normalment ma titlobx dokumentazzjoni ta' appoġġ li tindirizza r-riskju ta' nfiq ineliġibbli"; jilqa' t-tweġiba tal-Frontex li minn Jannar 2012 il-Frontex bdiet titlob dokumenti ta' appoġġ "għall-maġġoranza tal-ispejjeż f'operazzjonijiet konġunti ta' ritorn" u fir-rigward ta' talbiet ta' għotjiet oħra dokumentazzjoni ta' appoġġ "fil-każ ta' diskrepanzi li nstabu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji finali"; iqis li d-dokumenti ta' appoġġ għandhom jintalbu bħala kwistjoni ta' prinċipju; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-implimentazzjoni ta' kontrolli ex-ante sa Settembru 2012;
5. Jinnota r-rimarki tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tad-dgħufijiet tal-ġestjoni tal-assi fissi kif ukoll il-validazzjoni tard tas-sistema ta' kontabilità; jilqa' t-tweġiba tal-Frontex li "bdiet il-validazzjoni tas-Sistema tal-Kontabilità fl-ewwel kwart tal-2012 u se tiffinalizzaha sa Settembru 2012"; jistieden lill-Frontex tkompli ttejjeb il-ġestjoni tagħha u tinnotifika lill-awtorità ta' kwittanza bl-introduzzjoni ta' proċeduri għad-disponiment ta' assi fissi u l-kumpilazzjoni ta' inventarji kompluti;
6. Jilqa' l-fatt li f'Marzu 2011, il-Frontex iffinalizzat b'suċċess l-ewwel Operazzjoni ta' Tim ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri;
7. B'mod ġenerali jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni

finanzjarja soda tal-Frontex, jgħifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li biha Frontex użat l-appropriazzjonijiet tagħha biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Jan Mulder, Salvador Sedó i Alabart
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Iosif Matula, Ivo Vajgl